MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 12/2012

John Bartolo

Vs
Lorry Caruana

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas s-somma ta' elf hames mija u hmistax il-Ewro (€1515) bilanc ta' prezz ta' vettura mibjugha u kkonsenjata lilu. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra tad-19 ta' Jannar 2012.

Ra illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, tergo folio sittax (16) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio erbatax (14); tmintax (18) u dsatax (19) tal-process.

Ra illi fis-seduti ta’ wara tali notifika cioe’ fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fis-seduta tal-hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-konvenut ma deherx.

Ra u sema’ l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tal-hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u tal-affissjoni. L-estratt ta’ dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal ‘In-Nazzjon’. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi. Huwa notat illi meta erronjament kienet saret biss il-pubblikazzjoni fil-gurnal in-Nazzjoni u ma saritx l-bqija tal-procedura, rega sar kollox mill-gdid b’mod illi jinghad illi n-notifiki saru kif titlob il-ligi.

Illi meta fis-seduta tal-hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) t-Tribunal iddeferixxa din il-kawza ghas-sentenza dan ghamlu in difett ta’ ostaklu, u dan biex ikun ta kull opportunita lill-konvenut, li madanakollu baqa’ qatt ma oppona.

Illi fis-seduta tal-hmistax (15) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) it-Tribunal semgha lill-attur jikkonferma illi sa dik id-data l-ammont intier kien ghadu dovut. It-Tribunal ra wkoll ix-xhieda ta’ l-attur tal-hmistax (15) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi t-Tribunal jidhirlu illi kemm fis-skiet tal-konvenut kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut Lorry Caruana sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' elf hames mija u hmistax il-Ewro (€1515); bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012); kif ukoll iz-zewg pubblikazzjonijiet li saru fil-gurnali kif fuq imsemmi, a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------